MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' Awwissu, 2003

Numru. 299/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**
- vs -

**GEORGE SAID**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **GEORGE SAID** bin Anthony u Carmela nee Grech residenti fil-fond numru 14, Triq is-7 ta’ Gunju, 1919, Rabat, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 31643 (G) gie imressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-ewwel ta’ Gunju, 2003 ghall-habta tat-tlieta neqsin kwart ta’ filghodu bhala persuna li ghandha il-licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija biex taghmilha ta’ sostitut u anke talli fl-istess data u hin kellu f’idejh it-tmexxija u kien responsabbli mill-amministrazzjoni tal-istess discoteka “La Grotta”, li tinsab fi Triq ix-Xlendi limiti ta’ Munxar,

haddem, gieghel jew halla lil min hihaddem loudspeaker, gramafon, amplifikatur jew strumenti bhal dawn, ghamel jew inkella gieghel jew halla li jsiru hsejjes daqshekk qawwija li jdejjqu lid-detenturi jew lin-nies li joqghodu fil-bini fil-qrib.

Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi u cioe` l-artikolu 41 (2) tal-Kap 10 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet lir-rappresentant tal-MTA jghid illi fil-fond “La Grotta” huwa licenzjat f’isem Carmel Said on behalf of “La Grotta Ltd” u l-imputat George Said huwa licenzjat bhala substitute tal-fond. Illi l-unika kundizzjoni li huwa ghandu huwa li jrid jaghlaq fis-siegha ta’ filghodu.

Illi xehed PC 1406 li qal illi mid-dar tieghu il-Munxar huwa jisma l-muzika ghaddejja u gejja mill-fond tal-imputat fi Triq ix-Xlendi limiti ta’ Munxar, u tali muzika iddejjqu.

Illi xehdu PC 1097 u PS 261 u qalu li dak in-nhar l-ewwel ta’ Gunju, 2003 huma kienu xoghol l-ghassa tal-Pulizija ir-Rabat u PC 1406 Parnis irrapporta li kien imdejjaq minhabba l-hsejjes qawwija kagunati mill-fond gestit mill-imputat. Huma marru l-Munxar u semghu il-muzika minn hdejn ir-residenza tieghu. Mistoqsija jekk dahlux fid-dar tal-complainant u semghux il-muzika, ix-xhieda wiegbu fin-negattiv. Mistoqisja jekk hemm girien ohra bejn il-proprjeta gestita mill-imputat u il-complainant PC 1406 Parnis, ix-xhieda wiegbu fl-affermattiv u anzi qalu li hemm diversi nies pero huwa PC 1406 li jgorr minn dan il-fattur u jaghmel rapporti.

L-imputat fil-presenza tal-avukat difensur tieghu wera d-distanza li tezisti bejn il-proprjeta` ta’ PC 1406 u l-proprjeta` in disamina u l-Prosekuzzjoi qabblet ma din id-distanza.

**Il-Qorti thoss illi ghandha tagheml test soggettiv ta’ dan il-fatt u fil-fehema taghha mhiex konvinta li l-Prosekuzzjoni ippruvat l-akkuza taghha bl-ahjar mod u ghalhekk wara li rat l-artikolu tal-ligi fuq citat**

**tiddikjara il ma ssibx lil-imputat hati u tilliberah minn din l-akkuza.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------